MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2003

Appell Kriminali Numru. 88/2003

Il-Pulizija
(Spettur J. Cilia)
Vs

Saviour Cacciatolo

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer f'dawn l-ahhar tlett xhur u qabel is-7 ta' Jannar, 2001 b'diversi atti maghmula ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi w li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:
1) nhar it-30 ta' Dicembru, 2000, minn "La Spinola Court", Flat 8, sitwat fi Triq Spinola, San Giljan, f'xi hin matul il-gurnata kkometta serq ta' diversi gojjelli fosthom deheb u zewg arloggi, kif ukoll flus kontanti fis-somma ta' mitejn lira Maltin, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u

valur li jaccedi l-mitt lira izda anqas minn elf lira, ghad-dannu ta’ Joseph Grech;
2) nhar it-2 ta’ Jannar 2001 mill-‘Kennedy Nova Hotel’ sitwata x-Xatt, Gzira, f’xi hin matul il-gurnata kkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom gizirana tal-perli, video camera, cellular phone, u zewg grosos sigaretti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u valur li jaccedi l-elf lira, ghad-dannu ta’ Alvise Pietro Alipardi, Maria Moneta, Vito Arturo Bellintani w Renata Giovanna Airoldi;
3) nhar l-4 ta’ Jannar 2001, mill-‘Plaza Regency Hotel’, sitwata fi Triq it-Torri, Sliema, f’xi hin matul il-gurnata kkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom photo-camera, arlogg, cellular ohone, video camera, wallet, tromba, kif ukoll flus kontanti fis-somma ta’ tlett mija w hamsin Sterlina Ingliza, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u valur li jeccedi l-elf lira, ghad-dannu ta’ Gordon Diamond u Steven Browne;
4) nhar il-5 ta’ Jannar, 2001, minn “Caledonia Towers”, Flat 6, sitwat fix-xatt ta’ Qui-Si-Sana, Sliema, f’xi hin matul il-gurnata kkommetta serq ta’ diversi gojjelli w deheb, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u valur li jeccedi l-elf lira, ghad-dannu ta’ Joseph Paul Vassallo;
5) nhar il-5 ta’ Jannar, 2001, mill-’Park Hotel’, sitwata fi Triq L. Graham, Sliema, f’xi hin matul il-gurnata kkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom gojjelli w deheb, zewg bagalji w dokumenti, kif ukoll flus kontanti fis-somma ta’ tmien mija Sterlini Inglizi w erbghin liri Maltin, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u valur li jeccedi l-elf lira, ghad-dannu ta’ John Bolton;
6) nhar il-5 ta’ Jannar, 2001, mill-‘Forum Hotel’, sitwata fi Triq Sant’Andria, St. Andrews, f’xi hin matul il-gurnata kkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom basket u grossa sigaretti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-lok, ghad-dannu ta’ Klaus Kellers;
7) nhar is-6 ta’ Jannar, 2001 u fil-gimghat ta’ qabel din id-data, f’Malta, xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
8) nhar it-30 ta’ Dicembru, 2000, go “La Spinola Court”, Flat 8 sitwat fi Triq Sapinola, San Giljan, f’xi hin matul il-gurnata, volontarjament hassar, ghamel hsara jew

gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira imma izjed minn hamsin lira, ghad-detriment ta' Joseph Grech;
9) nhar it-2 ta' Jannar 2001, go "Kennedy Nova Hotel", sitwata x-Xatt, Gzira, f'xi hin matul il-gurnata, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tidkorri l-hames mitt lira, ghad-detriment tal-kumpanija "Strand Holdings Limited";
10) nhar l-4 ta' Jannar, 2001, go "Plaza Regency Hotel", sitwata fi Triq it-Torri, Sliema, f'xi hin matul il-gurnata volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-hames mitt lita, ghad-detriment tal-kumpanija 'Arrigo Group of Hotels Ltd' (Plaza Hotels);
11) nhar il-5 ta' Jannar, 2001, go 'Caledonia Towers', flat 6, sitwat ix-Xatt ta' Qui-Si-Sana, Sliema, f'xi hin matul il-gurnata volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira imma izjed minn hamsin lira, ghad-detriment ta' Joseph Paul Vassallo;
12) nhar il-5 ta' Jannar 2001, go "Park Hotel", sitwata fi Triq L. Graham, Sliema, f'xi hin matul il-gurnata volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-hames mitt lira, ghad-detriment tal-kumpanija "Park Hotels Ltd".;
13) nhar il-5 ta' Jannar, 2001, go "Forum Hotel", sitwata fi Triq Sant Andria, St. Andrews, f'xi hin matul il-gurnata volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-hames mitt lira ghad-detriment tal-kumpanija "Nash Ltd";
14) kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fit-28 ta' Lulju, 2000, b'liema sentenza kien gie misjub hati ta' reat u liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tnax-il xahar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Mejju, 2003, li biha wara li rat l-Artikoli 18, 261 (b)(c)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 289, 278, 330, 279, 280, 281, 325, 31, 17 (b)(h) tal-Kap. 9

u l-Artikolu 5 u 10 tal-Kap. 152 (Art. 7, 23 tal-Kap. 446) tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu w imponitu ghall-tlett snin taht il-harsien tal-ufficjal tal-probation u bil-kondizzjoni esplicita li l-imputat ikompli jsegwi w jittermina b’success il-programm riabilitattiv li qieghed isegwi fi hdan is-Sedqa. Ordnat ukoll il-konfiska tal-oggetti esebiti.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fil-15 ta’ Mejju, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma w timmodifika s-sentenza appellate, billi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn iddikjarat u sabet htija fl-imputat appellat skond l-akkuzi migjuba kontrih, ghajr dik fejn illiberatu mill-akkuza tar-riccettazzjoni, thassaraha w tirrevokaha f’dik il-parti fejn, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 5 u 10 tal-Kapitolu 152 illiberatu that kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal tlett snin minn dakinhar, that il-harsien tal-Ufficjal tal-Probation u bil-kundizzjoni esplicita li jkompli jsegwi w jittermina b’success il-programm riabilitattiv li qieghed presentement isegwi fi hdan is-Sedqa, u minflok, tibghat l-atti lura lill-Qorti Inferjuri ai termini tal-Artikolu 23 (1)(b) tal-Kapitolu 446 sabiex dik il-Qorti titratta mal-imputat appellat u tinfliggi l-piena skond il-ligi, u tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata, inkluz l-ordni ta’ konfiska tal-oggetti esebiti.

Rat illi l-aggravji tal-Avukat Generali fil-qosor jikkonsisti fis-segwenti w cioe’ li l-Ewwel Qorti applikat id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 152 sabiex setghet terga taghti opportunita’ ohra lill-appellat li jirriforma ruhu , meta bil-mod kif ghaddiet sabiex tapplika l-imsemmi artikolu , ghamlet applikazzjoni legalment zbaljata ghax kien hemm impediment legali ghall-applikazzjoni mill-gdid tal-istess artikolu 5 tal-Kapitolu 152.

Fliet l-atti kollha processwali inkluz in-nota ta’ rinviju tal-Avukat Generali (Fol. 150 tal-process) fejn, fost l-artikoli li tahthom setghet tinstab htija kontra l-appellat , l-Avukat Generali nvoka ukoll l-artikoli 5, 9 u 12 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita fis-seduta tal-lum.

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukat Prosekutur u tal-Avukat Difensur fis-seduta tal-lum ;

Ikkonsidrat ;

Illi fl-ewwel paragrafu tar-raba w l-ahhar faccata tas-sentenza appellata (fol. 339) jintqal “expressis verbis” li “ma hemm ebda dubju li l-imputat wettaq ir-reati li bihom hu akkuzat kompriz li tali reati gew minnu kommessi waqt periodu ta’ probation” u ghalhekk , ladarba l-appellat ma appellax minn din is-sentenza ,mhux kontestat li l-appellat gie misjub hati li kkommetta reat iehor fil-periodu ta’ ordni ta’ probation li kien sar mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali b’sentenza tat-28 ta’ Lulju, 2000, meta kien gie liberat b’ kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar u inoltre tpogga taht probation a tenur tal-artikolu 5 tal-Kap. 152.(Fols. 312 sa 315 tal-process) . Di fatti r-reati kollha li qed jigi akkuzat bihom u li taghhom instab hati l-appellat issuccedew bejn it-30 ta’ Dicembru, 2000 u l-5 ta’ Jannar, 2001 u ghalhekk zgur entro l-periodu ta’ tmintax il-xahar mis-sentenza w ordni ta’ probation imsemmija.

Illi l-Avukat Generali qed jinvoka kemm l-artikolu 10 (2) tal-Kap.152 kif ukoll l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 li dahlu in vigore fil-10 ta’ Marzu, 2003 bl-Avviz Legali 74/2003 hlief ghas-subartikolu (6) tal-artikolu 7 li dahal in vigore fl-1 ta’ Gunju, 2003, in forza tal-istess Avviz Legali .

Illi l-artikolu 10 tal-Kap.152 jiddisponi li jekk persuna li fil-kaz taghha jkun gie maghmul ordni ta’ probation jew ordni ghall-liberazzjoni taht kondizzjoni tigi ‘l quddiem misjuba hatja minn jew quddiem xi Qorti ta’ reat maghmul matul il-periodu ta’ probation jew matul il-periodu tal-liberazzjoni kondizzjonata , il-Qorti – jekk tkun l-istess Qorti li kienet ghamlet l-ordni tal-probation jew l-ordni ta’ liberazzjoni taht kondizzjoni – tista’ tittratta ma dik il-persuna ghar-reat li ghalih l-ordni gie maghmul b’ kull mod li bih kienet tkun tista’ tittratta maghha kieku kienet ghadha kif giet

dikjarata hatja minn jew quddiem dik il-Qorti ghal DAK IR-REAT (emfasi ta' din il-Qorti) .

Issa kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Onor. Imhallef Dr. V. Degaetano (llum Prim' Imhallef) fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Andrew Buhagiar" [16.6.1999] , il-kelma "TISTA" fl-espressjoni "tista' tittratta ma dik il-persuna" fl-art. 10. (1) (a) u (b) , m'ghandhiex tiftiehem fis-sens li dik il-Qorti ghandha xi ghazla li tittratta jew ma tittrattax ma' dik il-persuna , imma trid tiftiehem fis-sens li dik il-Qorti "GHANDHA" tittratta bil-fors u mhux ma taghmel xejn .

Umbaghad is-subartikolu (2) tal-istess artikolu 10 kif emendat bl-Att I tal-1993 , u allura certament applikabbli ghal dan il-kaz ghaliex - kuntrarjament ghall-fattispecji fis-sentenza appena citata – kemm l-ordni tal-probation kif ukoll ir-reati kommessi entro l-periodu tal-probation kif ukoll is-sentenza appellata kollha saru wara l-introduzzjoni tal-emenda msemmija, jiddisponi li meta persuna tigi hekk trattata ghal reat li ghalih tkun tqieghdet taht probation jew li dwaru tkun giet liberata taht kondizzjoni , IL-QORTI MA TISTAX TQIEGHDHA TAHT PROBATION JEW TAGHMEL ORDNI DWAR KIF PROVDUT FIS-SUBARTIKOLU (1) TAL-ARTIKOLU 9 TA' DAK L-ATT DWAR DAK IR-REAT."

It-test Ingliz tal-istess subartikolu (2) jghid li :-

"…….where a person is dealt with for the offence for which he was placed on probation or conditionally discharged , it shall not be lawful for the court to place him on probation or to make an order as provided in subsection (1) of section 9 of this Act , IN RESPECT OF THAT OFFENCE " (emfasi ta' din il-Qorti. )

Minn dan johrog car li l-impediment fuq il-Qorti li ma tergax taghti probation jew conditional discharge japplika biss fejn dik il-Qorti tkun qed tittratta mall-hati ghall-ksur tal-ordni tal-probation jew tal-conditional discharge u BISS fir-rigward tar-reat li tahtu jkun tpogga taht probation jew li

dwaru jkun gie liberat kondizzjonalment U MHUX UKOLL ghar-reat jew reati ohra li taghhom il-Qorti tkun qed issib htija.

Ghalhekk fil-waqt li l-Ewwel Qorti skond il-Kap. 152 kellha l-obbligu li tittratta mall-appellat ghall-ksur tal-ordni ta' probation precedenti w kienet prekluza milli terga taghmel ordni ta' probation iehor jew tillibera taht kondizzjoni ghar-reat li tieghu gie sentenzjat ghall-probation bis-sentenza tat-28 ta' Lulju, 2000, kienet b'mod anomalu libera li ghall-akkuzi li taghhom kienet qed issib htija fis-sentenza appellata terga tapplika l-probation , sija pure taht ligi differenti minn dik invokata fis-sentenza appellata kif ser jintqal hawn taht.

Issa fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ma qalitx li qed tittratta mall-appellat ghall-ksur tal-probation fit-termini tal-artikolu 10 (1) u (2) u fil-fatt ma jidhirx li hekk ittrattat mall-appellat kif kienet obbligata li taghmel skond il-ligi w l-gurisprudenza fuq citata , izda sahansitra regghet imponiet terminu gdid ta' probation ta' tlitt snin minn dak in-nhar tas-sentenza. Wiehed jifhem li dan kienet qed allura timponieh biss bhala provvediment konsegwenzjali ghas-sejbien ta' htija tal-akkuzi imsemmija fis-sentenza appellata. Issa fil-waqt li skond il-ligi (Kap.152) b'mod forsi alkwantu anomalu , ma kien hemm xejn x'jimpedixxi lill-Ewwel Qorti li ghar-reati li taghhom kienet qed tinstab htija ghall-ewwel darba fis-sentenza appellata terga' tapplika l-probation, (ghalkemm mhux aktar taht il-Kap.152 imma bensi' taht il-Kap.446 li dahal in vigour qabel id-data tas-sentenza) , l-Ewwel Qorti, bhal kif gara fil-kaz tal-appell kriminali fuq citat, ma ghamlet xejn u ma ttrattatx mall-appellat ghal-ksur tal-ordni tal-probation bil-kommissjoni tal-istess reati , w dana minkejja li l-Avukat Generali – kif fuq intqal – kien invoka l-artikoli 5, 9 u 12 (dan l-ahhar artikolu erronjament fl-opinjoni ta' din il-Qorti ghax kellu jigi citat l-art. 10 fuq imsemmi) tal-Kap.152 , proprju biex hi taghmel dan u minkejja li dan il-ksur tal-probation kien ukoll senjalat lill-Ewwel Qorti fil-paragrafu penultimu tal-akkuza fl-istadju tal-prezentata.

Il-fatt illi fil-frattemp kienu dahlu in vigore diversi artikoli tal-Kap. 446 (l-Att VII ta' l-2002 dwar il-Probation) kif fuq intqal , ma kienx josta ghal dan ghaliex skond id-dispozizzjoni transitorja kontenuta fl-artikolu 28 (2), id-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation ta' Hatjin ghandhom ikomplu japplikaw ghal kull ordni jew liberazzjoni kondizzjonata mahruga taht id-dispozizzjonijiet ta' dak l-Att qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-artikolu li kif intqal dahal fis-sehh fl-10 ta' Marzu, 2003.

Ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali jidher li hu legalment fondat biss fis-sens li l-Ewwel Qorti ma setghetx ma tittrattax mall-appellat ghall-ksur tal-ordni tal-probation u li meta taghmel dan riedet bil-fors tapplika l-piena komminata bil-ligi w ma setghetx terga tapplika l-provvediment tal-probation jew tal-liberta kondizzjonata GHAL DAK L-EWWEL REAT. Pero' ma jidhirx fondat in kwantu qed jigi sostnut li l-Ewwel Qorti ma setghetx taghti probation ghar-reati li taghhom sabet htija ghall-ewwel darba fis-sentenza appellata.

Din il-Qorti pero' thoss li ghandha tirrileva – kif diga accennat – li meta l-ewwel Qorti giet biex timponi fuq l-appellat periodu gdid ta' probation ta' tlitt snin mid-data tas-sentenza appellata, ghalkemm dan setghet taghmlu fir-rigward tal-akkuzi u r-reati li taghhom kienet qed issib htija fl-istess sentenza , dan ma setghetx taghmlu billi "jarga jigi applikat l-Artikolu 5 tal-Kap.152" kif intqal fil-paragrafu dispozittiv tas-sentenza , u dana ghaliex sadattant kienu dahlu in vigore dawk id-dispozizzjonijiet tal-Kap.466 li jaghtu s-setgha lill-Qrati li jpoggu persuni taht ordni ta' probation u senjatament l-artikolu 7 (1) sa (5) u (7) u (8) , 21 , 23 , 24, 25 u 26 , artikoli li uhud minnhom del resto l-istess Qorti ukoll semmiet fost l-artikoli li rat meta giet biex taghti s-sentenza .

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' limitatament fis-sens li gej l-appell tal-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'kollox , ghajr :-

1. fejn applikat l-artikoli 5 u 10 tal-Kap. 152 biex illiberat lill-appellat taht kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal

tlitt snin minn dak in-nhar taht il-harsien tal-ufficjal tal-probation u bil-kondizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess sentenza w wara li tirrevokaha biss f'din il-parti fejn indikat il-ligi zbaljata ,minnflok tiddikjara li dan kien qed isir bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap.446, u

2. fejn ma ittrattatx mall-appellat ghall ksur tal-ordni ta' probation maghmul bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-28 ta' Lulju, 2000, u wara li tiddikjara li l-Ewwel Qorti kellha l-obbligu li tittratta mall-appellat ghall-imsemmi ksur tal-ordni ta' probation , u peress li hija stess hija prekluza li taghmel dan f'dan l-istadju ghax hija Qorti differenti ghall-fini tal-artikolu 10 (1) (b) tal-Kap.152 , li kien u ghadu applikabbli ghall-kaz ( u mhux ghall-fini tal-artikolu 23 (4) (b) tal-Kap.466 indikat fir-rikors tal-appell) qed tibghat lill-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex dik il-Qorti tittratta mall-appellat ghall-ksur tal-ordni tal-probation maghmul bis-sentenza ta' dik il-Qorti tat-28 ta' Lulju, 2000 , u dana skond il-ligi u l-gurisprudenza kif fuq intqal .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------